MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Numru. 319/2006

**Il-Pulizija**
**[Supretendent Stephen J.Gatt]**

**vs**

**Dieter (Ruben Dieter) Fenech**

**Kumpilazzjoni Numru: 319/2006**

**Illum, 22 ta’ Novembru, 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra **Dieter (Ruben Dieter) Fenech**, ta’ 36 sena, bin Augustine u Frances Galea, imwieled Mosta, fid-19 ta’ Ottubru, 1968 u residenti fil-fond 321, Meditteranea, Triq ta’ Taht l-Irdum, Mellieha detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 431168(M).

Akkuzat talli fil-perjodu bejn il-5 ta’ Novembru, 2001 u 23 ta’ Lulju, 2002, gewwa Ta’ Xbiex, ukoll wara nzul ix-xemx, b’diversi azzjonijiet maghmulin anki fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi qarrieqa li bihom seta jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku  jew li bih seta’ waqqaf jew biddel il-kejl jew markar tal-meter, tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata jew ikkommetta serq ta’ kurrent eletriku fl-ammont ta’ LM13, 398.84,4 minn gewwa l-fond Best Western Les Lapins Hotel, Triq ix-Xatt, Ta’ Xbiex, bhala wiehed mid-diretturi ta’ dan il-fond jew detentur jew il-persuna li f’ismu  ghandu dan il-fond jew il-persuna li assuma responsabbilta, fejn nstabu dawk il-ksur jew mezzi qarrieqa ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin u valur.

U aktar talli fl-istess zmien, jum, lok u cirkostanzi, ghamel hsara fil-makkinarju jew gumni u fili ta’ l-eletriku, ikkaguna it-telf ta’ kurrent eletriku u ghamel hsara jew kisser parti ta’ xi meter ta’ l-eletriku, jew sigilli ta’ xi meter ta’ l-eletriku jew xi parti minn xi apparat jew gumni jew fili, uzati fil-provista ta’ l-eletriku jew sigilli taghhom.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudkatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

a) 18, 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 278, 279; u
b) 326, 533.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza titkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni taal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirreferi ghal spezzjoni li kienet saret fil-lukanda Les Lapins fit-23 ta' Lulju 2002. Dak in-nhar gie notat li l-erbgha sigilli l-homor mal-meter tad-dawl kienu imbaghbsa; dan il-meter kien fil-plant room tal-lukanda liema plant room ma tinzammx imsakkra. Dak in-nhar ukoll l-ufficjali tal-Korporazzjoni Enemalta dahlu jispezjonaw is-substation li hemm hdejn il-lukanda imsemmija u nnotaw li kien hemm wire maqtugh minn mal-current transformer fuq ir-red phase. Dan is-substation jinzamm imsakkar u ghandhom access ghalih biss ufficjali tal-Korporazzjoni Enemalta; ma kienx hemm sinjali ta' sgass fis-substation. Dwar dan il-kaz kienet saret inkjesta. Huwa allegat li l-meter kien qed juri konsum imaqqas bit-33% u li konsegwentement l-ammont ta' kurrent elettriku misruq kien jiswa l-ekwivalenti ta' Lm13,698.87. Minn dak in-gie installat meter gdid fil-lukanda msemmija.

Illi taw id-depozizzjoni taghhom diversi persuni f'dan il-kaz: l-ufficjali tal-Korporazzjoni Enemalta li kienu prezenti waqt l-ispezzjoni, l-ufficjal li kien irrediga l-istima ta' kurrent elettriku allegatament misuq kif ukoll l-espert li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-qtugh tal-wire fis-substation jirrizulta ampjament li dan is-substation jinzamm imsakkar u cwievet ghandhom biss ufficjali ta'l-Enemalta; in oltre ma jirrizultax li kien hemm xi sgass. Ghalhekk, u f'nuqqas ta' xi kwalunkwe prova ohra f'dan ir-rigward, zgur ma jistghax jinghad li giet pruvat x'involviment ta'l-imputat fil-qtugh ta' dan il-wire.

Illi mill-kostatazzjonijiet maghmula mill-espert nominat f'l-atti ta' l-inkjesta u mill-provi akkwizieti waqt dan il-process jirrizulta ampjament li s-sigilli l-homor, cioe dawk li jaghlqu l-parti ta' fuq tal-meter, dik li hija maghmula mil-hgieg, kienu mbaghbsa fis-sens li tlieta kellhom xi ghafiesi fuqhom u kienu miftuhin u r-raba wiehed kien maqtugh. Minn ezami li sar tal-meter meta infetah irrizulta li kien hemm xi brixx fuq il-diska pero fil-fehma ta'l-espert

nominat ma setghax jigi stabilit *jekk il-brixx kien intensiv bizzejjed biex jikkaguna tlef fil-konsum*[1]. Fil-fatt l-istess espert jghid ukoll li ma jidhirx li l-meter kien jahdem hazin jew li l-brixx seta' kellu xi effett fuq il-funzjonament tal-meter u r-registrazzjoni tal-konsum ta'l-elettriku. Skond l-istess espert dak in-nhar li saret l-ispezzjoni u nfetah il-meter ir-red phase kien konnettjat.

Illi saru bench tests fuq il-meter bil-red phase kkonnettjat u tests bil-red phase skonnettjat; irrizulta li jekk jinqala il-red phase il-meter jimmarka konsum b'nuqqas ta' tlieta u tlettin fil-mija. A bazi ta' dan il-Korporazzjoni Enemalta harget stima ghall-perjodu ta' mitejn u sittin gurnata qabel ma saret l-ispezzjoni b'ammont li kien jirrifletti awment ta' tlieta u teltin fil-mija fuq il-konsum registrat bil-meter il-qadim. L-istima harget ghal dan il-perjodu ghaliex skond rapprezentant ta'l-Enemalta f'dan il-perjodu ta' mitejn u sittin gurnata kien registrat konsum aktar baxx mill-perjodi analogi precedenti.

Illi kif diga ntqal dak in-nhar li saret l-ispezzjoni nbidel il-meter in ezami; f'l-atti hemm dokumenti li juru l-konsum ta' elettriku fil-lukanda in ezami kemm qabel kif ukoll wara li inbidel il-meter. Dawn id-dokumenti juru li ghal kull perjodu ta' xahrejn meta kien jinqara l-meter l-konsum ivarja bi ftit minn sena ghall-ohra. L-ironija hi li fis-sena immedjatament wara li nbidel il-meter l-konsum registrat f'kull perjodu ta' xahrejn huwa aktar baxx mill-konsum registrat bil-meter l-antik fis-sena immedjatament ta' qabel u li dwarha l-Enemalta harget stima b'awment ta' tlieta u tletin fil-mija fuq il-konsum registrat.

Illi tenut kont tal-fatt li fil-fehma ta'l-espert Camilleri l-brixx ma kienx qed jikkaguna telf fil-konsum u tenut kont tal-fatt li wara li nbidel il-meter il-konsum registrat kien ftit anqas minn dak registrat fil-perjodu meta l-meter suppost kien imbaghbas ma jistax jinghad li gie pruvat xi serq fil-konsum tal-kurrent elettriku.

---

[1] Ref depozizzjoni Hugh Camilleri a fol 81 asserzjoni li jirrepeti a fol 82.

Illi konsegwentement l-ewwel imputazzjoni ma gietx pruvata fil-grad rikjest mill-Ligi.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' hsara volontarja f'xi parti ta' meter ta'l-elettriku jew is-sigilli tieghu.

Illi mill-provi akkwizit f'dan il-process u li huma sintetizzati aktar 'l fuq jirrizulta ampjament li s-sigilli tal-meter fil-lukanda Les Lapins kienu mbaghbsa u wiehed minnhom kien maqtugh. Din il-hsara (anke jekk wiehed jezamina r-ritratti tal-meter esebiti mar-rapport ta'l-espert Hugh Camilleri) ma setghtex issir incidentalment.

Illi jirrizulta ukoll li l-imputat ilu direttur tas-socjeta li kienet tiggestixxi l-lukanda Les Lapins mis-sena 1994; hu ma gabx prova li ma kienx jaf b'l-eghmil tar-reat u li hu ezercita d-diligenza kollha biex jevita li r-reat ma jsirx.

Illi konsegwentement fil-fehma tal-Qorti din it-tieni imputazzjoni giet pruvata.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-fedina penali tieghu li hija kwazi netta u l-fatt li minkejja l-hsara li saret fis-sigilli tal-meter ma jidhirx li dan ir-reat wassal ghal xi manumissjoni tal-meter b'mod li jigi effettwat il-konsum tal-kurrent elettriku.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, wara li rat l-artikolu 326 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-imputat biex ihallas lir-

Registratur ta' din l-Qorti s-somma ta' mija u sittin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€160.45) rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta' esperti.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------